

## LEJN EKONOMIJA ĊIRKOLARI

L-Ekotikketta tal-UE tippromwovi t-tranżizzjoni tal-Ewropa għal ekonomija ċirkolari, fejn ikun hemm materjali lesti biex prodotti ġodda jibdeu meta l-antiki jispiċċaw. Din tteġġeg manufatturi biex jipproduċu prodotti li:

- \* Jippromwovu innovazzjoni ekoloġika u industriji sostenibbli
- \* Jiġġeneraw inqas skart u CO<sub>2</sub> meta jsiru u jintużaw
- \* Jużaw enerġija, ilma u materja prima b'mod aktar għaqli
- \* Iservu iktar u faċli biex jisewwew
- \* Huma aktar faċli biex jiġu riċiklati

Pereżempju, xi żebgħat issa jużaw żejt mill-alka bħala alternattiva għal karbonju baxx għaż-żejt tradizzjonali bbażat fuq il-petroleum.

Grazzi għall-kriterji trasparenti tat-tikketta, il-konsumaturi jistgħu jagħmlu għażliet responsabbli waqt li jappoġġjaw l-innovazzjoni u l-impjeggi ekoloġiċi.

## EKOVALURI FL-AZZJONI

*Kun af aktar dwar il-Pakkett tal-Ekonomija Ċirkolari tal-Kummissjoni Ewropea, pjan dettaljat biex timxi għal ekonomija aktar kompetittiva u sostenibbli:*  
[ec.europa.eu/environment/circular-economy](http://ec.europa.eu/environment/circular-economy)

Fittex l-Ekotikketta tal-UE għal prodotti u servizzi li huma aħjar għall-ambjent u aħjar għalik.

Hija t-tikketta li tagħmel l-għażliet għal ambjent aħjar faċli!

## INFORMAZZJONI ADDIZZJONALI

Politiki tal-UE jappoġġjaw u jagħrfu produzzjoni u konsum sostenibbli.

### KUNTATT



Standards and Metrology Institute  
Malta Competition and Consumer Affairs Authority

<http://mccaa.org.mt>

[george.a.cutajar@mccaa.org.mt](mailto:george.a.cutajar@mccaa.org.mt)



L-Ekotikketta tal-UE:  
[www.ecolabel.eu](http://www.ecolabel.eu)



@EMAS.EUEcolabel



@EMAS\_EUEcolabel



L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet

ISBN 978-92-79-67898-1  
doi:10.2779/665473

© L-Uffjoni Ewropea, 2017

Ambjent

## TIKKETTA LI TISTA' TAFDA

Madwar 40,000 prodott u servizz għandhom l-Ekotikketta tal-UE, minn ħwejjeġ għat-trabi għal tagħmir elettroniku. Hija tikketta affidabbli li tidentifika prodotti u servizzi b'impatt ambjentali mnaqqas:

- \* Ivverifikata minn esperti indipendenti
- \* Kriterji stretti għal aktar minn 30 kategorija ta' prodotti u servizzi, aġġornati regolarmet
- \* Iċ-ċiklu kollu tal-ħajja tal-prodott ikkunsidrat, mill-produzzjoni għal riċiklaġġ jew rimi
- \* Saħħa tal-konsumatur u produzzjoni responsabbli garantita
- \* L-ebda kompromess fuq il-prestazzjoni. Huwa faċli li tikkonsma prodotti li ma jagħmlux ħsara lill-ambjent!

65% tal-konsumaturi li jafu bl-Ekotikketta tal-UE diġà jafdawha\*.

Prodotti tal-Ekotikketta tal-UE jistgħu jiġu minn kwalunkwe post fid-dinja, sakemm tingħata prova għalihom li huma jissodisfaw il-kriterji tagħha.

\* Studju tas-Suq tal-Konsumatur dwar il-Pretensjonijiet Ambjentali għall-Prodotti Mhux Ikel, Kummissjoni Ewropea 2014

## QED TFITTEX VAGANZA LI MA TAGĦMILX ĦSARA LILL-AMBJENT?

Lukandi u siti ta' kampeġġ jistgħu juru t-tiketta, wkoll. Huma komdi daqs akkomodazzjoni tradizzjonali, imma jużaw inqas enerġija u ilma u jipproduċu inqas skart, inkluż skart tal-ikel.

[ec.europa.eu/ecat/hotels-campsites](http://ec.europa.eu/ecat/hotels-campsites)

# KEMM TISTA' TIXTRI B'MOD LI MA JAGĦMILX ĦSARA LILL-AMBJENT?

Huwa iktar faċli milli taħseb biex tagħmel l-għażla responsabbli għal darek, xogħlok jew il-ħin liberu tiegħek. Hawnhekk hawn ftit mill-prodotti bl-Ekotikketta tal-UE biex jispirawk taqleb għal stil ta' ħajja sostenibbli.

## TAGĦMIR ELETTRONIKU

Il-prodotti għandhom ikunu **faċli biex jissewew u biex jiġu aġġornati** ħalli jservu iżjed.

## TINDIF

Id-deterġent tal-ħasil għandu jaħdem f'temperatura ta' **30°C**, b'hekk tiffirka l-enerġija u l-flus ma' kull ħasla.

## PRODOTTI GĦALL-KURA PERSONALI

8 miljun tunellata ta' plastik tidħol fl-oċeani kull sena - kriterji **jipprojbixxu mikroplastiks** u **jillimitaw l-iskart tal-ippakkjar**.

## PRODOTTI TAL-KARTI

Kważi nofs is-siġar kollha maħsuda madwar id-dinja jsiru karti. Appoġġja sorsi **riċiklati** u **sostenibbli** minflok.

## AGĦMILHA INTI STESS

Żomm l-arja ta' ġewwa nadifa. Iż-żebgħat għandhom **inqas minn nofs** l-emissjonijiet tas-solventi ta' prodotti konvenzjonali.

## GĦAMARA

L-oġġetti għandhom **jagħmlu xogħolhom sew** u jservu.

Meta l-ħajja utli tagħhom tispiċċa, għandhom ikunu faċli biex **tirriċiklahom**.

## ILBIES U TESSUTI

Iż-żraben għandhom jinħadmu **f'kundizzjonijiet siguri u ġusti** - tagħmel it-tajjeb waqt li tidher tajjeb!



## LEST BIEX TIBDA TIXTRI?

Aċċessa l-katalogu kollu tal-prodotti hawnhekk: [ec.europa.eu/ecat](http://ec.europa.eu/ecat)